

EBA/GL/2024/11

4 ta' Lulju 2024

Linji Gwida

dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti trasferimenti ta' kryptoassi skont ir-Regolament (UE) 2023/1113 (“Linji Gwida dwar ir-Regoli tal-Ivvjaġġar”)

1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.
2. Il-Linji Gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida jkunu diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 27.11.2024. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu billi tiġi ppreżentata l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2024/11". In-notifiki jenħtieġ li jiġu ppreżentati minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-Linji Gwida jissodisfaw il-mandat li jinħarġu linji gwida f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2023/1113².
6. B'mod speċifiku, dawn il-Linji Gwida:
 - a) jistabbilixxu l-fatturi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament (PSP), il-fornituri intermedjarji ta' servizzi ta' pagament (IPSP), il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi (CASP) u l-fornituri intermedjarji ta' servizzi ta' kriptoassi (ICASP) jenħtieġ li jikkunsidraw meta jistabbilixxu proċeduri għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' trasferimenti ta' fondi u kriptoassi li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur/l-oriġinatur u/jew il-prenditur/benefiċjarju, u jiżguraw li dawn il-proċeduri jkunu effettivi;
 - b) jispeċifikaw dak li l-PSP, is-CASP l-IPSP u l-ICASP jenħtieġ li jagħmlu biex jiġġestixxu r-riskju ta' ħasil tal-flus (ML) jew ta' finanzjament tat-terroriżmu (TF) meta l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur, l-oriġinatur, il-prenditur jew il-benefiċjarju tkun nieqsa jew mhux kompleta;
 - c) jispeċifikaw l-aspetti tekniċi tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1113 għad-debiti diretti.
7. Barra minn hekk, dawn il-Linji Gwida jissodisfaw il-mandat li jinħarġu linji gwida f'konformità mal-Artikolu 19a(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 li³ jispeċifikaw miżuri fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu assoċjati mat-trasferiment tal-kriptoassi diretti lejn jew li joriġinaw minn indirizz awtoospitat.

Destinatarji

8. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati:

² Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 1).

³ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

- a) lill-PSP kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/1113, u l-IPSP kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (6), tar-Regolament (UE) 2023/1113;
- b) lis-CASP kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2023/1113, u l-ICASP kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (16), tar-Regolament (UE) 2023/1113;
- c) lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-PSP, tal-IPSP, tas-CASP u tal-ICASP għall-konformità mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2023/1113.

Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) 2023/1113, fid-Direttiva (UE) 2015/849 u fid-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom l-istess tifsira fil-Linji Gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Riskju	Tfisser l-impatt u l-probabbiltà li jseħħ ML/TF.
Fatturi ta' riskju	Tfisser varjabbli li, jew waħedhom jew ikkombinati, jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju ta' ML/TF li jinħoloq minn relazzjoni ta' negozju individwali, minn tranżazzjoni okkażjonali jew minn trasferiment.
Approċċ ibbażat fuq ir-riskju	Tfisser approċċ li bih l-awtoritajiet kompetenti, il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jidentifikaw, jivvalutaw u jifhmu r-riskji ta' ML/TF li għalihom huma esposti l-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP u jieħdu l-miżuri tal-AML/CFT li jkunu proporzjonati għal dawk ir-riskji.
Katina tat-trasferiment	Tfisser is-sekwenza minn tarf sa tarf tal-partijiet, il-proċessi u l-interazzjonijiet involuti fl-iffaċilitar tat-trasferiment ta' fondi u t-trasferiment tal-kriptoassi, kif definiti fir-Regolament (UE) 2023/1113, mill-pagatur jew l-oriġinatur għall-prenditur jew il-benefiċjarju.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mit-30 ta' Diċembru 2024.

Tħassir

11. Il-“Linji Gwida Konġunti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2015/847 dwar il-miżuri li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jieħdu biex tinstab informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, u l-proċeduri li għandhom jistabbilixxu biex jimmaniġġjaw trasferiment ta' fondi li ma jkollux l-informazzjoni meħtieġa”⁴ jitħassru b'effett mit-30 ta' Diċembru 2024.

⁴ JC/GL/2017/16.

4. Rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti trasferimenti tal-kriptoassi skont ir-Regolament (UE) 2023/1113

4.1. Dispożizzjonijiet Ġenerali

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

12. Sabiex jiġi ddeterminat liema informazzjoni jenħtieġ li takkumpanja trasferiment ta' fondi jew kriptoassi, u l-passi li jenħtieġ li jittieħdu biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2023/1113, il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jistabbilixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom kif se jistabbilixxu għal kull trasferiment ta' fondi jew kriptoassi, jekk jaġixxux bħala:
 - a) il-PSP tal-pagatur, il-prenditur jew IPSP;
 - b) is-CASP tal-oriġinatur, tal-benefiċjarju, jew bħala ICASP.
13. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri li jkunu stabbiliti biex jikkonformaw mal-Artikoli 7(1 u 2), 8(1), 11(1 u 2), 12(1), 16(1), 17(1), 20 u 21(1) tar-Regolament (UE) 2023/1113 ikunu effettivi u jibqgħu effettivi, pereżempju billi jittestjaw kampjun aleatorju mit-trasferimenti pproċessati kollha.
14. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jżommu l-politiki u l-proċeduri tagħhom aġġornati u jtejbuhom kif meħtieġ.

4.2. Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/1113 u derogi

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

15. Il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jistabbilixxu fil-politiki u fil-proċeduri tagħhom il-mod kif se jiddeterminaw jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-esklużjonijiet jew tad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2023/1113 humiex issodisfati. Il-PSP u s-CASP li ma jkunux jistgħu jistabbilixxu s-sodisfar li daww il-kundizzjonijiet huma ssodisfati jenħtieġ li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2015/847 fir-rigward tat-trasferimenti kollha ta' fondi.

- 4.2.1. Determinar jekk kard, strument jew apparat jintużawx esklużivament biex jitħallsu oġġetti jew servizzi kif imsemmi fl-Artikolu 2(3), il-punt (a), u (5), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/1113**

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

16. Il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jipproċessaw trasferiment ta' fondi jew kriptoassi bħala pagament għal oġġetti jew servizzi meta t-trasferiment isir minn konsumatur (xerrej) lil negozjant (bejjiegħ) bi skambju għax-xiri ta' oġġetti jew għall-forniment ta' servizzi. Sabiex jiġi ddeterminat jekk kard, strument jew apparat jintużawx esklużivament biex jiġihallu oġġetti jew servizzi, il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jistabbilixxu li tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a) jekk il-funzjonalità tal-kard, tal-istrument jew tal-apparat użati hijiex ristretta biex isir pagament għal oġġetti jew servizzi;
- b) jekk kodiċi tal-kategorizzazzjoni tan-negozjant huwiex assenjat lill-konsumaturi, inkluż il-Kodiċi tal-Kategorija tan-Negozjanti (MCC) tal-iskemi ta' kards ta' pagament, li jintuża biex jiġi kkategorizzat it-tip ta' oġġetti jew servizzi mibjugħa;
- c) jekk il-konsumatur huwiex impenjat f'attività ekonomika jew professjonali, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, bl-użu ta' informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jekk disponibbli, jew informazzjoni aċċessibbli permezz ta' fornituri terzi jew f'sorsi disponibbli għall-pubbliku; u
- d) l-analiżi tal-PSP jew tas-CASP tax-xejriet u tal-imġiba, inklużi l-istorja u x-xejriet tat-trasferiment, tippermetti biex jiġi jiddetermina jekk il-pagatur u l-oriġinatur jagħmlux pagamenti għal oġġetti jew servizzi, jew il-prenditur u l-benefiċjarju jirċevux pagamenti għal oġġetti jew servizzi.

4.2.2. Trasferimenti konnessi b'rabta mal-livell limitu ta' EUR 1 000 kif imsemmi fl-Artikoli 2(5), il-punt (c), 5(2), 6(2) u 7(3) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi

17. Il-PSP jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri biex jidentifikaw trasferimenti li jidhru li huma konnessi.

18. Il-PSP jenħtieġ li jipproċessaw bħala konnessi t-trasferimenti li:

- a) jitwettqu f'operazzjoni waħda jew f'bosta tranżazzjonijiet; u
- b) jintbagħtu mill-istess pagatur lill-istess prenditur, f'perjodu ta' żmien qasir; jew
- c) jintbagħtu minn pagatur wieħed lil prendituri differenti jew minn pagaturi differenti lill-istess prenditur f'perjodu ta' żmien qasir; inklużi każijiet fejn jintużaw kontijiet differenti li jappartjenu għall-istess persuna jew isiru tranżazzjonijiet differenti maħsuba għall-istess persuna, fejn dik l-informazzjoni tkun magħrufa mill-PSP.

19. Fil-politiki u l-proċeduri tagħhom, il-PSP jenħtieġ li jistabbilixxu:

- a) x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien qasir għal tipi differenti ta' trasferimenti; il-PSP jenħtieġ li jiddeterminaw dan il-perjodu ta' żmien b'mod li jkun proporzjonali mar-riskju ta' ML/TF li n-negozju tagħhom ikun espost għalih, abbażi tal-valutazzjonijiet tar-riskju li jkunu wettqu f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi tar-Riskju ta' ML/TF⁵;
- b) il-mod kif se jidentifikaw tentattivi biex jevitaw il-livell limitu jew jevadu d-detezzjoni; u
- c) kwalunkwe xenarju ieħor li jista' jwassal ukoll għal tranżazzjonijiet konnessi.

20. Il-PSP jenħtieġ li jiddeterminaw jekk trasferiment huwiex konness mal-mument li fih it-trasferiment ġie ordnat jew mibdi, filwaqt li jitqiesu l-valuri assoluti tiegħu, irrISPettivament minn kwalunkwe imposta, li tiġi imposta mill-PSP.

4.3. It-trażmissjoni u r-riċevuta ta' informazzjoni bit-trasferiment f'konformità mal-Artikoli 4 sa 8, 10 sa 12, 14 sa 17 u 19 sa 21 tar-Regolament (UE) 2023/1113

4.3.1. Sistemi ta' messaġġi jew ta' pagamenti u ta' saldu

Trasferiment ta' fondi u kryptoassi

- 21. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jużaw infrastrutturi u servizzi għat-trażmissjoni u r-riċevuta ta' informazzjoni li teknikament ikunu kapaċi jittrażmettu u jirċievu bis-sħiħ l-informazzjoni mingħajr lakuni jew żbalji fil-preżentazzjoni tal-informazzjoni kif speċifikat f'dawn il-Linji Gwida.
- 22. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi tagħhom ikunu jistgħu jżommu l-integrità tad-*data*, b'mod partikolari fejn l-informazzjoni trid tiġi kkonvertita f'format differenti qabel ma tiġi trażmessa jew wara li tiġi riċevuta. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP li ma jistgħux jiżguraw li s-sistemi tagħhom ikunu jistgħu jittrażmettu, jirċievu jew jikkonvertu l-informazzjoni mingħajr żball jew ommissjoni jenħtieġ li jinbidlu f'sistema li tkun kapaċi tagħmel dan.
- 23. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi li jużaw għat-trasferiment tal-informazzjoni jkunu siguri. Is-CASP jenħtieġ li japplikaw ukoll il-gwida pprovduta lill-PSP mil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà⁶ u l-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni⁷.

Trasferiment ta' kryptoassi

⁵ EBA/CP/2023/11.

⁶ EBA/GL/2019/04.

⁷ EBA/GL/2019/02.

24. Is-CASP u I-ICASP jistgħu, b'deroga mill-paragrafu 21 u sal-31 ta' Lulju 2025, eċċezjonalment jużaw infrastrutturi jew servizzi fejn il-limitazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-kompletezza tad-*data* jeħtieġ li jiġu kkompensati minn passi tekniċi addizzjonali jew soluzzjonijiet biex jikkonformaw bis-siġħ ma' dawn il-Linji Gwida. Dawk il-proċeduri addizzjonali jenħtieġ li tal-anqas jinkludu mekkaniżmi alternattivi għall-ġbir, iż-żamma u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tas-CASP jew tal-ICASP riċevuti fil-katina tat-trasferiment tal-informazzjoni li ma tistax tiġi trażmessa minħabba limitazzjonijiet tekniċi.
25. Meta jittrażmettu informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/1113, is-CASP u I-ICASP tal-oriġinatur jenħtieġ li:
- a) jittrażmettu l-informazzjoni bħala parti minn, jew inkorporata fit-trasferiment fuq il-blockchain jew fuq pjattaforma oħra tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT), jew b'mod indipendenti permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni differenti – inkluż permezz ta' komunikazzjoni diretta bejn is-CASP, l-interfaċċi għall-iprogrammar tal-applikazzjonijiet (API), soluzzjoni tal-kodiċi li taħdem fuq il-blockchain u soluzzjonijiet oħra ta' partijiet terzi; u
 - b) jittrażmettu l-informazzjoni meħtieġa immedjatament u b'mod sigur u mhux aktar tard mill-bidu tat-tranżazzjoni blockchain.
26. Meta jagħżlu s-sistema/i ta' messaġġi jew ta' pagament u ta' saldu, is-CASP u I-ICASP jenħtieġ li jieħdu miżuri proporzjonati u sensitivi għar-riskju biex jivvalutaw:
- a) il-kapaċità tas-sistema biex tikkomunika ma' sistemi ewlenin interni oħra u mas-sistemi ta' messaġġi jew ta' pagament u ta' saldu tal-kontroparti ta' trasferiment, u l-kompatibbiltà tagħha ma' networks oħra tal-blockchain;
 - b) l-aċċessibbiltà tal-protokoll (jiġifieri d-diversità u l-preċiżjoni tal-kontropartijiet li jistgħu jintlaħqu bl-użu tal-protokoll – soġġett għall-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta proprja tas-CASP – u r-rata ta' trasferimenti li jintbagħtu b'suċċess lill-benefiċjarju maħsub jew riċevuti mill-oriġinatur);
 - c) kif is-sistema tippermetti lis-CASP jew I-ICASP jidentifika trasferiment b'informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta;
 - d) il-kapaċitajiet tal-integrazzjoni tad-*data*, is-sigurtà tad-*data* u l-affidabbiltà tad-*data* tas-sistema.

4.3.2. Intermedjazzjoni multipla u trasferimenti transfruntiera

Trasferiment ta' fondi

27. Il-PSP u l-IPSP li jippermettu l-eżekuzzjoni ta' trasferimenti b'żewġ IPSP jew PSP jew aktar fuq bażi transfruntiera jenħtieġ li jiddeskrivu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom kif l-informazzjoni dwar il-pagatur u l-prenditur tiġi trażmessa tul il-katina tat-trasferiment lill-PSP u lill-IPSP li jmiss fil-katina tat-trasferiment.

28. Għal trasferimenti li ma tqiegħdux f'lottijiet, il-PSP jew l-IPSP jenħtieġ li:

- a) jikkunsidra l-katina tat-trasferiment (minn tarf sa tarf) bħala waħda li tippreserva l-fluss ta' informazzjoni dwar il-pagatur u l-prenditur oriġinali;
- b) meta t-trasferiment isir minn kanal transfruntier għal kanal domestiku, jagħżel is-sistema domestika li timmassimizza t-trasparenza tan-natura transfruntiera tat-trasferiment u jiżgura li l-informazzjoni dwar il-partijiet trazzmessa lill-PSP li jmiss fil-katina tal-pagamenti tkun tista' tinftiehem faċilment mill-PSP intermedjarji u/jew beneficijarji kollha;
- c) f'każijiet ta' dubju, jassumi li t-trasferiment huwa trasferiment transfruntier, li jirriżulta fl-użu ta' kanali ta' pagament xierqa li jistgħu jiffaċilitaw it-trażmissjoni meħtieġa tal-informazzjoni.

29. L-IPSP huma responsabbli biss biex jgħaddu mill-messaġġ tal-pagament bl-użu tad-*data* li jkunu ġew ipprovdu mill-PSP/IPSP preċedenti fil-katina ta' trasferiment, soġġett għall-verifika speċifika meħtieġa mill-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament (UE) 2023/1113.

30. Il-PSP u l-IPSP jenħtieġ li ma jipproċessawx trasferiment mill-pagatur lill-prenditur bħala moviment ta' likwidità jew saldu fil-kont proprju tal-PSP u tal-IPSP.

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

31. Meta l-intermedjarju ma jirċevix l-informazzjoni meħtieġa relatata ma' trasferiment, b'mod partikolari fil-każ ta' trasferimenti f'lottijiet, jenħtieġ li l-IPSP jew l-ICASP jikseb l-informazzjoni nieqsa permezz ta' mekkaniżmu ta' kanali alternattivi, inklużi metodi bħal APIs u soluzzjonijiet ta' partijiet terzi, biex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/1113.

4.4. Informazzjoni li għandha tiġi trazzmessa mat-trasferiment f'konformità mal-Artikoli 4 u 14 tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

32. Il-PSP u s-CASP jenħtieġ li ma jbidlux is-sottomissjoni inizjali, sakemm:

- a) ikunu mitluba jagħmlu dan mill-IPSP, mill-PSP tal-prenditur, mill-ICASP jew mis-CASP tal-benefiċjarju, jekk l-IPSP, il-PSP tal-prenditur, l-ICASP jew is-CASP benefiċjarju jikkunsidra li xi informazzjoni skont l-Artikoli 7, 11, 19 jew 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113 hija nieqsa; jew
- b) b'segwitu għat-trasferiment, il-PSP tal-pagatur jew is-CASP tal-orijinatur jidentifika żball fl-informazzjoni li jkun bagħat biex jikkonforma mal-Artikoli 4 u 14 tar-Regolament (UE) 2023/1113.

33. Meta, fil-kuntest tal-paragrafu 32, ikun hemm bidla fis-sottomissjoni inizjali, il-PSP tal-pagatur jew il-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jinforma lill-PSP u s-CASP li jmiss fil-katina tat-trasferiment u jippreżenta l-informazzjoni korretta. Il-PSP u s-CASP li jmiss fil-katina tat-trasferiment imbagħad jenħtieġ li jwettqu, għal darb'oħra, il-kompiti meħtieġa biex jidentifikaw l-informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta.

4.4.1. Provvediment tan-numru tal-kont ta' pagament tal-pagatur f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/1113, u tal-prenditur (l-Artikolu 4(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/1113)

Trasferiment ta' fondi

34. Il-PSP jenħtieġ li jiżguraw li t-trasferiment ta' fondi jkun akkumpanjat min-numru tal-kont tal-pagament. Meta t-trasferiment tal-fondi jsir bl-użu ta' kard ta' pagament, in-numru ta' dik il-kard (in-Numru tal-Kont Primarju (PAN)) jista' jieħu l-post tan-numru tal-kont ta' pagament, bil-kundizzjoni li dak in-numru jippermetti li t-trasferiment ta' fondi jiġi traċċat lura lill-pagatur jew lill-prenditur.

4.4.2. Provvediment tal-isem tal-pagatur, tal-prenditur, tal-oriġinatur u tal-benefiċjarju rispettivament f'konformità mal-Artikoli 4(1), il-punt (a), 4(2), il-punt (a), 14(1), il-punt (a), u 14(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kryptoassi

35. Il-PSP tal-pagatur jew il-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jipprovdi dan li ġej:
- a) Għall-persuni fiżiċi, l-ismijiet sħaħ u l-kunjomijiet tal-konsumatur kif jidhru fid-dokument tal-identità tal-klijent, jew fl-identifikazzjoni elettronika li tikkonforma mal-istandards fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew, jekk ma tkunx disponibbli għal raġuni leġittima, dokumentazzjoni f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki u kontrolli għall-ġestjoni effettiva tar-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) meta jiġi pprovdut aċċess għas-servizzi finanzjarji⁸. Meta jkunu jeżistu limitazzjonijiet tekniċi kif imsemmi fil-paragrafu 24 li jipprevjenu t-trażmissjoni tal-ismijiet u l-kunjomijiet tal-konsumatur, is-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li, bħala minimu, jinkludi l-isem u l-aħħar kunjom.
 - b) Għall-persuni ġuridiċi, l-isem li taħtu hija rreġistrata l-persuna ġuridika. Meta jkunu jeżistu limitazzjonijiet tekniċi kif imsemmi fil-paragrafu 24 li jipprevjenu t-trażmissjoni tal-isem legali rreġistrat sħiħ, is-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jittrażmetti l-isem kummerċjali. L-ismijiet kummerċjali użati jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu traċċati lura b'mod inekwivoku għall-persuna ġuridika u jaqblu ma' kwalunkwe tali ismijiet irreġistrati fir-reġistri uffiċjali.
 - c) Għal trasferimenti minn kont konġunt, indirizz jew kartiera, l-ismijiet tad-detenturi kollha tal-kont, l-indirizz jew il-kartiera. Meta jkunu jeżistu limitazzjonijiet tekniċi kif

⁸ EBA/GL/2023/04.

imsemmi fil-paragrafu 24 li jipprevjenu t-trażmissjoni tal-ismijiet kollha tal-partijiet kollha għat-trasferiment, is-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jitttrażmetti l-isem tad-detentur tal-kont, l-indirizz jew il-kartiera li jkun qed jagħti bidu għat-trasferiment, jew, fejn dan ma jkunx possibbli, il-kont primarju, l-indirizz jew id-detentur tal-kartiera.

4.4.3. Provvediment tal-indirizz tal-pagatur u tal-oriġinatur inkluż l-isem tal-pajjiż, in-numru tad-dokument personali uffiċjali, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-konsumatur jew, alternattivament, id-data u l-post tat-twelid tal-pagatur f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (c), u 14(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

36. Il-PSP tal-pagatur u s-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jipprovdu dan li ġej:

- a) Għall-persuni fiżiċi, il-post tar-residenza tas-soltu tal-pagatur jew tal-oriġinatur jew, fejn ma jkun hemm l-ebda indirizz residenzjali fiss, l-indirizz postali li fih il-persuna fiżika tista' tiġi kkuntattjata. Fil-każ ta' persuna vulnerabbli, kif imsemmi fil-paragrafu 19 (b) tal-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki u kontrolli għall-ġestjoni effettiva tar-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) meta jiġi pprovdut aċċess għal servizzi finanzjarji, li ma tistax tkun raġonevolment mistennija li tipprovidi indirizz fir-rigward tal-post ta' residenza tas-soltu tagħha, il-PSP jew is-CASP jistgħu jużaw indirizz li jiġi pprovdut f'dokumentazzjoni alternattiva kif imsemmi fil-paragrafu 19(b) tal-Linji Gwida ta' hawn fuq fejn tali dokumentazzjoni jkun fiha indirizz u fejn l-użu tagħha jkun permess skont il-liġi nazzjonali tal-pagatur.
- b) Għall-persuni ġuridiċi, l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat jew uffiċjali tal-pagatur jew tal-oriġinatur.

37. L-indirizz jenħtieġ li jiġi pprovdut, sa fejn ikun possibbli, fl-ordni ta' prijarità li ġejja: l-isem sħiħ tal-pajjiż jew l-abbrevjazzjoni f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-kodiċijiet tal-pajjiżi (ISO 3166) (alpha-2 jew alpha-3), il-kodiċi postali, il-belt, l-istat u l-provinċja u l-muniċipalitá, l-isem tat-triq, in-numru tal-bini jew l-isem tal-bini.

38. Il-PSP tal-pagatur u s-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jipprovdu l-indirizz postali kif speċifikat fil-paragrafu 37. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 25(a), kwalunkwe alternattiva għall-indirizzi postali, inklużi n-numri tal-kaxxi postali u l-indirizzi virtwali, jenħtieġ li ma tiġix ikkunsidrata li tissodisfa r-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(1), il-punt (c), u l-Artikolu 14(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2023/1113.

39. It-taħlita tal-elementi ta' informazzjoni alternattivi li għandhom jiġu pprovduti f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (c), u 14(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li ma tkunx ibbażata biss fuq id-disponibbiltá iżda wkoll fuq is-sett ta' informazzjoni li tipprevedi bl-aħjar mod identifikazzjoni mhux ambigwa tal-pagatur jew tal-oriġinatur.

40. Għal trasferimenti minn kont konġunt, indirizz jew kartiera, jenħtieġ li tiġi pprovduta l-informazzjoni tad-detenturi kollha tal-kont, l-indirizz jew il-kartiera. Meta t-trażmissjoni tal-informazzjoni rispettiva tal-partijiet kollha ma tkunx tista' ssejtn minħabba limitazzjonijiet tekniċi kif imsemmi fil-paragrafu 24, il-PSP tal-pagatur u s-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jitttrażmettu l-informazzjoni tad-detentur tal-kont, l-indirizz jew il-kartiera li jagħti bidu għat-trasferiment, jew, alternattivament, dik tal-kont primarju, l-indirizz jew id-detentur tal-kartiera.

4.4.4. Provvediment ta' identifikatur ekwivalenti għal-LEI tal-pagatur, tal-prenditur, tal-oriġinatur u tal-benefiċjarju f'konformità mal-Artikoli 4(1), il-punt (d), 4(2), il-punt (c), 14(1), il-punt (e), u 14(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

41. Il-PSP tal-pagatur u s-CASP tal-oriġinatur jenħtieġ li jikkunsidraw biss daww l-identifikaturi ufficiali bħala ekwivalenti għal LEI li:

- a) huma kodiċi ta' identifikazzjoni uniku li huwa uniku għall-entità ġuridika;
- b) jiġu ppubblikati f'reġistri pubbliċi;
- c) jinħarġu mal-formazzjoni ta' entità minn awtorità pubblika fil-ġurisdizzjoni li fiha tkun ibbażata l-entità ġuridika;
- d) jippermettu l-identifikazzjoni tal-elementi tal-isem u l-indirizz; u
- e) jkunu akkumpanjati minn deskrizzjoni tat-tip ta' identifikatur użat fis-sistema ta' messaġġi.

4.5. Identifikazzjoni ta' informazzjoni nieqsa f'konformità mal-Artikoli 7, 11, 16 u 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113

4.5.1. Proċeduri għall-identifikazzjoni ta' informazzjoni nieqsa f'konformità mal-Artikoli 7, 11, 16 u 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

42. Il-proċeduri kif imsemmija fl-Artikoli 7, 11, 16 u 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li jkun fihom mill-inqas dan li ġej:

- a) il-passi għall-identifikazzjoni ta' informazzjoni nieqsa, mhux kompleta u li ma tagħmilx sens jew karattri jew elementi inammissibbli;
- b) taħlita ta' prattiki ta' monitoraġġ matul u wara t-trasferiment proporzjonali mal-livell ta' riskju ta' ML/TF li għalih huma esposti t-trasferimenti, iddeterminati f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi ta' Riskju ML/TF; u

- c) il-kriterji li jgħinu lill-PSP, lill-IPSP, lis-CASP u lill-ICASP jidentifikaw fatturi li jżidu r-riskju, kif deskritt fil-paragrafu 52.

4.5.2. Kontrolli fuq trasferimenti ta' fondi fir-rigward ta' karattri jew elementi ammissibbli f'konformità mal-Artikoli 7(1) u 11(1) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi

- 43. Il-PSP u l-IPSP tal-prendituri jenħtieġ li jiżguraw li fir-rigward tas-sistemi ta' messaġġi jew ta' pagament u ta' saldu tagħhom:
 - a) jifhmu r-regoli ta' validazzjoni tas-sistema;
 - b) li s-sistema fiha l-oqsma kollha meħtieġa biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa fir-Regolament (UE) 2023/1113, kif speċifikat fit-Taqsima 4.4.;
 - c) li s-sistema tipprevjeni li jintbagħtu jew jiġu riċevuti trasferimenti fejn jiġu identifikati karattri jew elementi inammissibbli; u
 - d) li s-sistema tindika t-trasferimenti rrifjutati għal rieżami u pproċessar manwali.
- 44. Meta sistema ta' messaġġi jew ta' pagament u ta' saldu ta' PSP jew IPSP ma tissodisfax il-kriterji kollha stabbiliti fil-paragrafu 43, il-PSP jew l-IPSP jenħtieġ li jistabbilixxu kontrolli biex itaffu n-nuqqasijiet.
- 45. Il-PSP u l-IPSP tal-prendituri jenħtieġ li jistabbilixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom:
 - a) il-mod kif se jidentifikaw jekk l-oqsma relatati mal-informazzjoni fis-sistema ta' messaġġi jew ta' pagament u ta' saldu jkunux imtlew b'karattri jew elementi li jikkonformaw mal-konvenzjonijiet ta' dik is-sistema; u
 - b) il-passi li jieħdu meta l-karattri jew l-elementi ma jkunux konformi mal-konvenzjonijiet ta' dik is-sistema.

4.5.3. Monitoraġġ tat-trasferimenti f'konformità mal-Artikoli 7(2), 11 (2), 16(1) u 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

- 46. Il-PSP, l-IPSP tal-prendituri, is-CASP jew l-ICASP tal-benefiċjarju jenħtieġ li jistabbilixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom il-mod kif se jiddeterminaw liema trasferimenti se jiġu mmonitorjati matul jew wara t-trasferiment f'konformità mal-Artikoli 7(2), 11(2), 16(1) u 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li tal-anqas jistabbilixxu:
 - a) liema fatturi ta' riskju se jqisu f'din il-valutazzjoni; u

- b) liema fatturi li jżidu r-riskju, jew taħlita ta' fatturi li jżidu r-riskju, dejjem se jiskattaw monitoraġġ matul it-trasferiment, u li se jiskattaw rieżami mmirat wara li jkun seħħ it-trasferiment.
47. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jiddeterminaw il-fatturi ta' riskju bbażati fuq dawk stabbiliti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi tar-Riskju ta' ML/TF, kif ukoll il-fatturi ta' riskju rilevanti mill-valutazzjoni tar-riskju tagħhom fin-negozju kollu, u l-valutazzjoni tar-riskju settorjali jew nazzjonali sal-punt li din tkun disponibbli. Il-fatturi ta' riskju jenħtieġ li tal-anqas jinkludu:
- a) it-trasferimenti li jaqbżu l-livell limitu ta' valur predefinit filwaqt li jitqies il-valur medju tat-trasferimenti li huma jipproċessaw regolament u dak li jikkostitwixxi trasferiment kbir aktar mis-soltu, abbażi tal-mudell ta' negozju partikolari tagħhom;
 - b) it-trasferimenti fejn il-pagatur, l-oriġinatur, il-prenditur, il-benefiċjarju, il-PSP tal-pagatur, is-CASP tal-oriġinatur, il-PSP tal-benefiċjarju jew is-CASP tal-benefiċjarju jinsabu f'pajjiżi jew territorji li huma soġġetti għal miżuri restrittivi inklużi sanzjonijiet finanzjarji mmirati, jew pajjiżi jew territorji li jippreżentaw riskju għoli ta' ċirkonvenzjoni ta' miżuri restrittivi jew sanzjonijiet finanzjarji mmirati;
 - c) it-trasferimenti fejn il-pagatur, l-oriġinatur, il-prenditur, il-benefiċjarju, il-PSP tal-pagatur, is-CASP tal-oriġinatur, il-PSP tal-benefiċjarju jew is-CASP tal-benefiċjarju jkunu bbażati f'pajjiż assoċjat ma' riskju għoli ta' ML/TF, inkluż, iżda mhux limitat għal:
 - i) il-pajjiżi identifikati bħala ta' riskju għoli mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849; u
 - ii) l-pajjiżi li, abbażi ta' sorsi kredibbli bħal evalwazzjonijiet, evalwazzjonijiet reċiproċi, rapporti ta' valutazzjoni jew rapporti ta' segwitu ppubblikati, għandhom rekwiżiti tal-AML/CFT li mhumiex konsistenti mad-Direttiva (UE) 2015/849 jew mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF u pajjiżi li ma implimentawx dawk ir-rekwiżiti b'mod effettiv;
 - d) it-trasferimenti fejn il-PSP tal-pagatur, is-CASP tal-oriġinatur, l-IPSP, l-ICASP tal-prenditur jew is-CASP tal-benefiċjarju jinsabu f'pajjiż li, abbażi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, ikun għadu ma implimentax l-obbligu li tinkiseb, tinżamm u tiġi trażmessa informazzjoni dwar l-oriġinatur u l-benefiċjarju meta jkunu qed iwettqu trasferimenti elettroniċi u trasferimenti ta' assi virtwali;
 - e) it-trasferimenti ma' entitajiet ibbażati f'pajjiż terz li ma għandux reġimi ta' liċenzjar jew li fih l-attività tal-PSP fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi u dawk tas-CASP fil-każ ta' trasferimenti tal-kriptoassi mhumiex regolati;
 - f) it-trasferimenti b'indirizzi awtoospitati;
 - g) it-trasferimenti minn jew lejn kontijiet, indirizzi jew kartieri magħrufa li huma marbuta ma' attività suspettuża;

- h) ir-rekord ta' konformità negattiv tal-AML/CFT tal-PSP, tal-IPSP, tas-CASP jew tal-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment, ibbażat fuq informazzjoni pubblika;
 - i) it-trasferimenti minn PSP, IPSP, CASP jew ICASP identifikati bħala li ripetutament naqsu milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa mingħajr raġuni ġustifikata, jew minn PSP, IPSP, CASP jew ICASP li qabel kien magħruf li jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa f'għadd ta' okkażjonijiet mingħajr raġuni valida, anki jekk ma għamlux dan ripetutament;
 - j) l-użu ta' tekniki oħra għat-twettiq ta' saffi ta' tranżazzjonijiet li jfixklu t-traċċar tal-kriptoassi billi jaħbu t-traċċa li twassal lura għall-originator, inkluż, iżda mhux limitat għal:
 - i) il-fondi u l-kriptoassi riċevuti u ttrasferiti b'mod aktar rapidu, u b'hekk il-katina tat-trasferiment tiġi estiża b'mod artifiċjali;
 - ii) it-tekniki, il-prodotti jew is-servizzi li jtejbju l-anonimità, inklużi, iżda mhux limitati għal, miksters jew tumblers, anonimizzaturi tal-Protokoll tal-Internet (IP) u indirizzi stealth.
48. Meta jikkunsidra jekk trasferiment iqajjimx suspett jew le, il-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP jenħtieġ li jieħu perspettiva olistika tal-fatturi ta' riskju kollha ta' ML/TF assoċjati mat-trasferiment u jikkunsidra li informazzjoni nieqsa jew inammissibbli *per se* ma twassalx għal suspett ta' ML/TF.

4.5.4. Kontrolli fuq informazzjoni nieqsa f'konformità mal-Artikoli 7(2), 11(2), 16(1) u 20 tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

49. Il-PSP tal-prenditur, is-CASP tal-benefiċjarju, l-IPSP u l-ICASP jenħtieġ li jipproċessaw l-informazzjoni bħala nieqsa jekk it-taqsimiet jitħallew vojta, jew jekk l-informazzjoni pprovduta ma tagħmilx sens jew ma tkunx kompleta.
50. Il-PSP tal-prenditur, is-CASP tal-benefiċjarju, l-IPSP u l-ICASP jenħtieġ li jipproċessaw mill-inqas l-informazzjoni li ġejja bħala li ma tagħmilx sens:
- a) sensiela ta' karattri każwali jew illoġiċi (bħal "xxxxx", jew "ABCDEFGG");
 - b) użu ta' titoli (bħal Dott. jew Sa) mingħajr l-isem tal-persuna;
 - c) denominazzjonijiet oħra li huma inkoerenti jew mhux intelliġibbli (bħal "Oħrajn", jew "Il-Konsumatur tiegħi").
51. Meta l-PSP, is-CASP, l-IPSP u l-ICASP jużaw lista ta' termini li normalment jinstabu li ma jagħmlux sens, jenħtieġ li jirrieżaminaw perjodikament din il-lista biex jiżguraw li tibqa' rilevanti.

4.6. Trasferimenti b'informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta f'konformità mal-Artikoli 8, 12, 17 u 21 tar-Regolament (UE) 2023/1113

4.6.1. Proċeduri bbażati fuq ir-riskju għad-determinar ta' jekk jiġix eżegwit, irrifjutat jew sospiż trasferiment f'konformità mal-Artikoli 8(1), 12, 17(1) u 2 (1) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

52. Il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jstabbilixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom il-mod kif se jiddeterminaw jekk jirrifjutawx, jissospendux jew jeżegwux trasferiment f'konformità mal-Artikoli 8(1), 12, 17(1) u 21 tar-Regolament (UE) 2023/1113. Bħala parti minn dan, il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jelenkaw il-fatturi ta' riskju li se jikkunsidraw għal kull trasferiment.
53. Il-PSP, l-IPSP, is-CASP, u l-ICASP jenħtieġ li jikkunsidraw fil-valutazzjoni tagħhom qabel ma jiddeċiedu dwar l-azzjoni xierqa jekk:
 - a) l-informazzjoni tippermettix id-determinazzjoni tas-suġġetti tat-trasferiment; u
 - b) fattur wieħed jew aktar li jżidu r-riskju ġewx identifikati li jista' jissuġġerixxi li t-trasferiment jippreżenta riskju għoli ta' ML/TF jew jagħti lok għal suspett ta' ML/TF.

4.6.2. Ir-rifjut jew ir-ritorn ta' trasferiment f'konformità mal-Artikoli 8(1), il-punt (a), 12, il-punt (a), 17 (1), il-punt (a), u 21(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

54. Meta IPSP, PSP tal-prenditur, ICASP jew CASP tal-benefiċjarju jiddeċiedi li jirrifjuta trasferiment jew ICASP jew CASP tal-benefiċjarju jiddeċiedi li jirritorna trasferiment minflok ma jitlob l-informazzjoni nieqsa, jenħtieġ li jinforma lill-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment li t-trasferiment ġie rrifjutat jew irritornat minħabba informazzjoni nieqsa.

Trasferiment ta' kriptoassi

55. Meta r-rifjut ma tkunx teknikament possibbli, it-trasferiment jenħtieġ li jiġi rritornat lill-oriġinatur. Meta r-ritorn tat-trasferiment fl-indirizz oriġinali ma jkunx possibbli, is-CASP jenħtieġ li japplikaw metodi alternattivi. Il-metodi alternattivi jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-politiki tagħhom, u jenħtieġ li jinkludu ż-żamma tal-assi ritornati f'kont sigur u segregat filwaqt li jkun hemm komunikazzjoni mal-oriġinatur biex jiġi organizzat metodu ta' ritorn xieraq lill-oriġinatur.

4.6.3. Talba biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa f'konformità mal-Artikoli 8(1), il-punt (b), 12(1), il-punt (b), 17(1), il-punt (b), u 21(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

56. Meta l-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP jitlob l-informazzjoni meħtieġa li tkun nieqsa, jenħtieġ li jstabbilixxi skadenza raġonevoli sa meta din jenħtieġ li tiġi pprovduta. Jenħtieġ li din l-iskadenza ma taqbiżx it-tlett ijiem tax-xogħol għat-trasferimenti li jseħħu fl-Unjoni, u ħamest ijiem tax-xogħol għat-trasferimenti riċevuti minn barra l-Unjoni, li jibdwew mill-jum li l-PSP, il-CASP, l-IPSP jew l-ICASP jidentifikaw l-informazzjoni nieqsa. Jistgħu jiġu stabbiliti skadenzi itwal sa sebat ijiem fejn il-ktajjen ta' trasferiment ikunu jinvolvu:

- a) aktar minn żewġ partijiet fil-fluss tat-trasferiment, inklużi l-intermedjarji u dawk li mhumiex banek;
- b) mill-inqas PSP, IPSP, CASP jew ICASP wieħed li huwa bbażat barra mill-UE.

57. Meta PSP, IPSP, CASP jew ICASP jiddeċiedi li jitlob l-informazzjoni meħtieġa mill-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment, jenħtieġ li jinnotifika lill-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment bl-azzjonijiet tekniċi meħhuda fuq dak it-trasferiment minħabba informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta, kif applikabbli.

58. Kwalunkwe talba biex tingħata informazzjoni jew kjarifika jenħtieġ li tintbagħat permezz tal-istess sistema ta' messaġġi li ntużat għat-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa jew, fejn jeżistu limitazzjonijiet tekniċi kif imsemmi fil-paragrafu 24, metodi siguri ta' kuntatt f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-obbligi tar-Regolament (UE) 2016/679.

Trasferiment ta' fondi

59. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli, il-PSP jew l-IPSP jenħtieġ li jibgħat tfakkira lill-PSP jew lill-IPSP preċedenti fil-katina tat-trasferiment u jagħti pariri lill-PSP jew lill-IPSP preċedenti fil-katina tat-trasferiment tal-azzjonijiet li tista' tittieħed jekk il-PSP jew l-IPSP jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita.

60. Meta l-informazzjoni mitluba ma tiġix ipprovduta sal-iskadenza stabbilita, il-PSP jew l-IPSP jenħtieġ li jieħu d-deċiżjoni dwar jekk jirrifjutax, jissospendix jew jeseġwix it-trasferiment f'konformità mal-politiki u l-proċeduri tiegħu bbażati fuq ir-riskju kif speċifikat fil-paragrafi 41 u 42. Minbarra dik id-deċiżjoni, jenħtieġ li, irrispettivament minn jekk in-nuqqas ġie ripetut jew le, jikkunsidra l-indirizzar futur tal-PSP jew tal-IPSP preċedenti fil-katina tat-trasferiment għall-finijiet ta' konformità mal-AML/CFT, inkluż ir-rifjut ta' kwalunkwe trasferiment futur minn jew lejn il-PSP jew l-IPSP preċedenti fil-katina tat-trasferiment, jew ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' negozju tiegħu ma' dak il-PSP jew l-IPSP.

Trasferiment ta' kriptoassi

61. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli, bħala parti mill-azzjonijiet li jenħtieġ li jittieħdu f'konformità mal-Artikoli 17 u 21 tar-Regolament (UE) 2023/1113, is-CASP jew I-CASP jenħtieġ li jikkunsidraw li jibgħat tfakkira lis-CASP jew I-CASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment u jagħti parir lis-CASP jew I-CASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment tal-azzjonijiet li jista' jieħu jekk is-CASP jew I-CASP jonqos milli jipprovdni l-informazzjoni meħtieġa qabel l-iskadenza stabbilita.
62. Meta l-informazzjoni mitluba ma tiġix ipprovduta sal-iskadenza stabbilita, is-CASP jew I-CASP jenħtieġ li jieħu d-deċiżjoni dwar jekk jirrifjutax, jirritornax, jissospendix jew jeżegwix it-trasferiment f'konformità mal-politiki u l-proċeduri tiegħu ibbażati fuq ir-riskju kif speċifikat fil-paragrafi 52 u 53. Minbarra dik id-deċiżjoni, jenħtieġ li, irrispettivament minn jekk in-nuqqas ġiex ripetut jew le, għandu jikkunsidra l-indirizzar futur tas-CASP jew tal-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment għall-finijiet ta' konformità mal-AML/CFT, inkluż ir-rifjut ta' kwalunkwe trasferiment futur minn jew lejn is-CASP jew l-indirizz awtoospitat fil-katina tat-trasferiment, jew ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' negozju mas-CASP jew I-CASP inkwistjoni.
63. It-talbiet biex tingħata l-informazzjoni nieqsa jew kjarifika fir-rigward ta' trasferimenti minn jew lejn indirizzi awtoospitati jenħtieġ li jintbagħtu direttament lill-konsumatur tas-CASP.

4.6.4. L-eżekuzzjoni ta' trasferiment f'konformità mal-Artikoli 8(1), 12(1), 17(1) u 21(1) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

64. Meta PSP, IPSP, CASP jew ICASP isir jaf li l-informazzjoni meħtieġa hija nieqsa, mhux kompleta jew ipprovduta bl-użu ta' karattri inammissibbli matul it-trasferiment u jeżegwixxi t-trasferiment, huwa jenħtieġ li jiddokumenta r-raġuni għall-eżekuzzjoni ta' dak it-trasferiment u, f'konformità mal-politiki u l-proċeduri tiegħu bbażati fuq ir-riskju, jikkunsidra l-indirizzar futur tal-PSP, l-IPSP, is-CASP, l-ICASP jew l-indirizz awtoospitat preċedenti fil-katina tat-trasferiment għall-finijiet ta' konformità mal-AML/CFT. Madankollu, meta l-pagatur, il-prenditur, l-orġinatur jew il-benefiċjarju ma jkunux jistgħu jiġu identifikati mingħajr ambigwiżità minħabba informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta, jew informazzjoni pprovduta bl-użu ta' karattri inammissibbli, il-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP jenħtieġ li ma jeżegwix it-trasferiment.

4.6.5. Identifikazzjoni ta' informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta wara l-eżekuzzjoni ta' trasferiment f'konformità mal-Artikoli 8(1), 12(1), 17(1) u 21(1) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi

65. Meta PSP jew IPSP jidentifika *ex post* li l-informazzjoni meħtieġa kienet nieqsa, mhux kompleta jew ipprovduta bl-użu ta' karattri inammissibbli, jenħtieġ li jitlob lill-PSP jew lill-IPSP preċedenti

fil-katina tat-trasferiment biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa, jew biex jipprovdi dik l-informazzjoni bl-użu ta' karattri jew elementi ammissibbli, bl-applikazzjoni tat-Taqsima 4.6.3.

Trasferiment ta' kryptoassi

66. Meta CASP jew ICASP jeżegwixxi t-trasferiment u jidentifika *ex post* li l-informazzjoni meħtieġa hija nieqsa jew mhux kompleta, jenħtieġ li jitlob lis-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa, f'konformità mat-Taqsima 4.6.3.

4.7. PSP, CASP, IPSP jew ICASP li ripetutament jonqsu f'konformità mal-Artikoli 8(2), 12(2), 17(2) u 21(2) tar-Regolament (UE) 2023/1113

4.7.1. Indirizzar ta' PSP, CASP, IPSP jew ICASP li ripetutament jonqos f'konformità mal-Artikoli 8(2), 12(2), 17(2) u 21(2) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kryptoassi

67. Il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jistabbilixxu fil-politiki u l-proċeduri tagħhom il-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi li se jużaw biex jiddeterminaw jekk PSP, IPSP, CASP jew ICASP li "ripetutament jonqos" u jiddokumentaw it-trasferimenti kollha b'informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta.

68. Il-kriterji kwantitattivi jenħtieġ li jinkludu mill-inqas:

- a) il-perċentwal ta' trasferimenti b'informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta mibgħuta minn PSP, IPSP, CASP jew ICASP speċifiku f'perjodu ta' żmien speċifiku; u
- b) il-perċentwal ta' talbiet ta' segwitu li ma ġewx imwiegħba jew li ma ġewx imwiegħba b'mod adegwat sa skadenza partikolari.

69. Il-kriterji kwalitattivi jenħtieġ li jinkludu mill-inqas:

- a) il-livell ta' kooperazzjoni tal-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP mitluba relatat ma' talbiet preċedenti għal informazzjoni nieqsa;
- b) l-eżistenza ta' ftehim mal-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP li jeħtieġ aktar żmien biex tiġi pprovduta l-informazzjoni;
- c) it-tip ta' informazzjoni nieqsa jew mhux kompleta u r-raġuni mogħtija mill-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP għan-nuqqas ta' provvediment tal-informazzjoni.

70. It-twissija f'konformità mal-Artikoli 8(2), il-punt (a), 12(2), il-punt (a), 17(2), il-punt (a), u 21(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li tinforma lill-PSP, lill-IPSP, lis-CASP jew lill-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment tal-passi li se jiġu applikati, jekk ikompli jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, inklużi l-iskadenzi.

71. Il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jikkunsidraw li joħorġu twissija ulterjuri lill-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment li kwalunkwe trasferiment futur se jiġi rrifjutat.
72. Fir-rigward tal-indirizzar skont l-Artikoli 8(2), il-punt (b), 12(2), il-punt (b), 17(2), il-punt (b), u 21(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/1113, il-PSP u s-CASP jenħtieġ li jikkunsidraw kif in-nuqqas ripetut mill-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment li jipprovdi informazzjoni u l-attitudni tal-PSP u tas-CASP li jwieġbu għal tali talbiet taffettwa r-riskju ta' ML/TF assoċjat ma' dak il-PSP jew is-CASP, u, fejn xieraq, jwettqu monitoraġġ f'ħin reali tat-tranżazzjonijiet kollha riċevuti mingħandhom.
73. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li tiġi tterminata relazzjoni ta' negozju, b'mod partikolari meta l-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP preċedenti fil-katina tat-trasferiment ikunu kontroparti risponenti minn pajjiż terz, il-PSPs, l-IPSPs, is-CASPs u l-ICASPs jenħtieġ li jikkunsidraw jekk ir-riskju jistax jiġi ġestit b'modi oħra jew le, inkluż *ex ante* permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' diliġenza dovuta msaħħa f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

4.7.2. Rappurtar ta' PSP, CASP, IPSP jew ICASP li ripetutament jonqsu lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikoli 8(2), 12(2), 17(2) u 21(2) tar-Regolament (UE) 2023/1113

Trasferiment ta' fondi u kriptoassi

74. Ir-rapport lill-awtorità kompetenti msemmi fl-Artikoli 8(2), 12(2), 21(2) u 17 tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li jiġi ppreżentat mill-PSP, mill-IPSP, mis-CASP u mill-ICASP mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jiġu identifikati l-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP li ripetutament naqsu. Ir-rappurtar jenħtieġ li jsir irrispettivament mir-raġunijiet mogħtija mill-PSP, l-IPSP, is-CASP, is-CASP jew l-ICASP li "ripetutament naqsu", jekk ikun hemm, biex jiġġustifika dak il-ksur, jew il-post tagħhom fl-Unjoni jew barra minnha.
75. Ir-rapport jenħtieġ li jinkludi:
 - a) l-isem tal-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP identifikati bħala li ripetutament naqsu milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa;
 - b) il-pajjiż li fih il-PSP, l-IPSP, is-CASP jew l-ICASP huwa awtorizzat;
 - c) in-natura tal-ksur, inklużi:
 - i. il-frekwenza tat-trasferimenti b'informazzjoni nieqsa;
 - ii. il-perjodu ta' żmien li matulu ġie identifikat il-ksur; u
 - iii. kwalunkwe raġuni li l-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP setgħu taw biex jiġġustifikaw in-nuqqas ripetut tagħhom li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa;
 - d) dettalji tal-passi li ħadu l-PSP, l-IPSP, il-CASP jew l-ICASP tar-rappurtar.

4.8. Trasferimenti ta' kriptoassi magħmula minn jew lejn indirizzi awtoospitati f'konformità mal-Artikoli 14(5) u 16(2) tar-Regolament (UE) 2023/1113

4.8.1. Identifikazzjoni individwali ta' trasferimenti minn jew lejn indirizzi awtoospitati f'konformità mal-Artikoli 14(5) u 16(2) tar-Regolament (UE) 2023/1113

76. Is-CASP u l-ICASP jenħtieġ li jikkunsidraw trasferiment ta' kriptoassi kif identifikat individwalment meta:

- a) jintuża identifikatur uniku għal kull trasferiment, bħal hash tat-trasferiment jew numru ta' referenza; jew
- b) informazzjoni addizzjonali hija inkluża fit-trasferiment biex tgħin fl-identifikazzjoni tat-trasferiment.

4.8.2. Identifikazzjoni ta' trasferiment minn jew lejn indirizz awtoospitat

77. Sabiex jiġi ddeterminat jekk jintużax indirizz awtoospitat fit-tarf l-ieħor ta' trasferiment, is-CASP tal-oriġinatur u s-CASP tal-benefiċjarju jenħtieġ li jiddependu fuq mezzi tekniċi disponibbli inkluż iżda mhux limitat għall-analitika tal-blockchain, il-fornituri tad-*data* ta' partijiet terzi u l-identifikaturi użati mis-sistemi ta' messaġġi.

78. Jekk tali informazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb permezz ta' mezzi tekniċi, is-CASP tal-oriġinatur u s-CASP tal-benefiċjarju jenħtieġ li jiksibu dik l-informazzjoni direttament mill-konsumatur tiegħu. Meta, f'dan il-każ, is-CASP tal-oriġinatur u s-CASP tal-benefiċjarju jistabbilixxu li t-trasferiment isir lil jew minn CASP ieħor, is-CASP tal-oriġinatur u s-CASP tal-benefiċjarju jenħtieġ li jieħdu l-passi meħtieġa biex jidentifikaw b'mod preċiż is-CASP tal-kontroparti.

79. Jenħtieġ li s-CASP tal-oriġinatur jwettaq din il-valutazzjoni qabel ma jingħata bidu għat-trasferiment u l-informazzjoni trażmessa f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2023/1113; jenħtieġ li s-CASP tal-benefiċjarju jwettaq din il-valutazzjoni qabel ma l-kriptoassi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju f'konformità mal-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament.

4.8.3. Identifikazzjoni tal-oriġinatur u tal-benefiċjarju fi trasferiment minn jew lejn indirizz awtoospitat

80. Meta jintuża indirizz awtoospitat fit-tarf l-ieħor tat-trasferiment, is-CASP jenħtieġ li jiġbru l-informazzjoni dwar l-oriġinatur jew il-benefiċjarju mill-konsumatur tagħhom.

4.8.4. Trasferiment 'il fuq minn EUR 1 000 u prova ta' sjieda jew ta' kontroll ta' indirizz awtoospitat

81. Is-CASP jenħtieġ li jiddeterminaw jekk trasferiment li jinvolvi indirizz awtoospitat jammontax għal jew jaqbiżx EUR 1 000:
- a) fil-mument li t-trasferiment ġie ordnat jew ingħata bidu, fil-każ tal-CASP tal-oriġinatur; jew
 - b) fil-mument meta ġie riċevut, fil-każ tal-CASP tal-benefiċjarju.
82. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-valur tat-trasferimenti minn jew lejn indirizzi awtoospitati huwiex oġġla minn EUR 1 000, jenħtieġ li s-CASP jużaw ir-rata tal-kambju tal-kriptoassi li jkun qed jiġi ttrasferit biex jiddeterminaw il-valur tiegħu f'euro fil-mument tat-trasferiment, u irrISPettivament minn kwalunkwe tariffa tat-tranżazzjoni.
83. Sabiex jiġi vvalutat jekk l-indirizz awtoospitat jappartjenix lill-oriġinatur jew lill-benefiċjarju jew huwiex ikkontrollat minnu, rISPettivament, jenħtieġ li s-CASP jużaw mill-inqas wieħed mill-metodi ta' verifika li ġejjin:
- a) verifiki mhux assistiti kif speċifikat fil-Linji Gwida dwar l-użu ta' Soluzzjonijiet ta' Onboarding mill-Bogħod tal-Konsumatur skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 li juru⁹ l-indirizz;
 - b) verifika assistita għaliha kif speċifikat fil-Linji Gwida dwar l-użu ta' Soluzzjonijiet ta' Onboarding mill-Bogħod tal-Konsumatur skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849;
 - c) jintbagħat ammont predefinit (preferibbilment l-iżgħar denominazzjoni ta' kriptoassi partikolari), stabbilit mis-CASP, minn u lejn l-indirizz awtoospitat fil-kont tas-CASP;
 - d) il-konsumatur jintalab jiffirma b'mod diġitali messaġġ speċifiku fil-kont u fis-software tal-kartiera bil-kjavi li tikkorrispondi għal dak l-indirizz;
 - e) mezzi tekniċi xierqa oħra sakemm dawn jippermettu valutazzjoni affidabbli u sigura u s-CASP ikun sodisfatt bis-sħiħ li jaf min għandu jew jikkontrolla l-indirizz.
84. Id-deċiżjoni dwar liema metodu/i jintgħażel jenħtieġ li tiddependi fuq:
- a) il-kapaċitajiet tekniċi tal-indirizz awtoospitat;
 - b) ir-robustezza tal-valutazzjoni li kull metodu jista' jwassal; u
 - c) ir-riskju ta' ML/TF.
85. Meta metodu wieħed waħdu ma jkunx suffiċjentement affidabbli biex jiġi żgurat b'mod raġonevoli s-sjeda jew il-kontroll ta' indirizz awtoospitat, is-CASP jenħtieġ li juża taħlita ta' metodi.

⁹ EBA/GL/2022/15.

86. Meta s-CASP ikun sodisfatt bis-sħiħ li l-indirizz awtoospitat jappartjenix lill-konsumatur tiegħu jew huwiex ikkontrollat minnu, is-CASP jenħtieġ li jiddokumenta dan fis-sistemi tiegħu u jista' ma jkollux għalfejn jerġa' japplika l-miżuri ta' hawn fuq għal tranżazzjonijiet sussegwenti minn/għall-istess indirizz ("whitelisting"). CASP li jagħmel użu mill-whitelisting jenħtieġ li jkollu fis-seħħ kontrolli biex jidentifika bidliet fir-riskju ta' ML/TF tal-indirizz awtoospitat u s-sjeda jew il-kontroll tiegħu. Jekk is-CASP jistabbilixxi li r-riskju ta' ML/TF tal-indirizz awtoospitat inbidel jew li hemm indikazzjonijiet li l-konsumatur tiegħu ma għadux is-sid jew ma għadux jikkontrolla l-indirizz awtoospitat, huwa jenħtieġ li jneħħi dan l-indirizz mil-lista bajda tiegħu.

4.8.5. Miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward ta' trasferimenti minn jew lejn indirizz awtoospitat

87. Is-CASP jenħtieġ li jivvalutaw ir-riskju assoċjat mat-trasferimenti minn jew lejn indirizz awtoospitat kif stabbilit fit-Taqsima 4.5.3. u f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi tar-Riskju ta' ML/TF, bl-użu tal-informazzjoni kollha relatata mal-oriġinaturi u l-benefiċjarji, ix-xejriet u l-ġeografiji, u l-informazzjoni mir-regolaturi, l-infurzar tal-liġi u partijiet terzi.
88. Is-CASP jenħtieġ li japplikaw mill-inqas waħda mill-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju kif identifikati fl-Artikolu 19a(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 li huma proporzjonali mar-riskji identifikati inkluż fejn is-CASP:
- a) huwa jew isir jaf li l-informazzjoni dwar l-oriġinatur jew il-benefiċjarju li juża l-indirizz awtoospitat mhijiex preċiża; jew
 - b) jiltaqa' ma' xejriet mhux tas-soltu jew suspettużi ta' tranżazzjonijiet jew sitwazzjonijiet ta' riskju ogħla ta' ML/TF assoċjati ma' trasferimenti li jinvolvu indirizzi awtoospitati, f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi ta' Riskju ML/TF.
89. Meta, bħala riżultat tal-valutazzjoni fit-Taqsima 4.8.4., jiġi stabbilit li l-indirizz awtoospitat jappartjeni lil persuna terza jew huwa kkontrollat minnha minflok il-konsumatur tas-CASP, il-verifika msemmija fl-Artikolu 19a(1), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2015/849 tista' titqies li tkun seħħet jekk:
- a) is-CASP jiġbor *data* addizzjonali minn sorsi oħra biex jivverifika l-informazzjoni ppreżentata, inkluż iżda mhux limitat għad-*data* analitika tal-blockchain, id-*data* ta' partijiet terzi, id-*data* tal-awtoritajiet rikonoxxuti u l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, dment li dawn ikunu affidabbli u indipendenti.
 - b) is-CASP juża mezzi oħra xierqa sakemm is-CASP ikun sodisfatt bis-sħiħ li jaf l-identità tal-oriġinatur jew tal-benefiċjarju u jista' juri dan lill-awtorità kompetenti tiegħu.
90. Meta tali trasferimenti jqajmu suspetti ta' ML/TF, is-CASP jenħtieġ li jirrapporta lill-FIU f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849.

4.5. Obbligi fuq il-PSP tal-pagatur, il-PSP tal-prenditur u l-IPSP meta trasferiment ikun debitu dirett

Trasferiment ta' fondi

91. Meta trasferiment ta' fondi jkun debitu dirett, il-PSP tal-prenditur jenħtieġ li jibgħat l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u dwar il-benefiċjarju lill-PSP tal-pagatur bħala parti mill-ġbir tad-debitu dirett. Malli jirċievu din l-informazzjoni mill-PSP tal-pagatur, il-PSP tal-prenditur u l-IPSP jenħtieġ li jikkunsidraw r-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Artikolu 4, il-punti (2) u (4), u l-Artikolu 5, il-punti (1) u (2), tar-Regolament (UE) 2023/1113 bħala ssodisfati.
92. Għall-finijiet tal-paragrafu 91:
- a) l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li jiġu applikati għall-PSP tal-prenditur;
 - b) il-verifika fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li titwettaq mill-PSP tal-prenditur fir-rigward tal-informazzjoni tal-prenditur, qabel ma tintbagħat it-talba għall-ġbir tad-debitu dirett;
 - c) l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9 tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li jiġu applikati għall-PSP tal-pagatur (il-PSP tad-debitur);
 - d) il-verifika fl-Artikolu 7(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2023/1113 jenħtieġ li titwettaq mill-PSP tal-pagatur (il-PSP tad-debitur) fuq l-informazzjoni tal-pagatur qabel ma jiġi ddebitat il-kont tal-pagatur.
93. Meta l-PSP tal-pagatur isir jaf, meta jirċievi l-ġbir tad-debitu dirett, li l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6 tar-Regolament (UE) 2023/1113 tkun nieqsa jew mhux kompleta jew ma tkunx imtliet bl-użu ta' karattri jew elementi ammissibbli f'konformità mal-konvenzjonijiet tas-sistema ta' messaġġi jew ta' pagamenti u ta' saldu kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament, l-opzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġu applikati mill-PSP tal-pagatur. Il-PSP tal-pagatur jenħtieġ li jagħżel li jitlob l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-prenditur qabel jew wara li jiddebita l-kont tal-pagatur, permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. B'mod partikolari, jenħtieġ li jivvaluta jekk huwiewx meħtieġ li l-pagament xorta waħda jiġi kkreditat meta l-informazzjoni tkun nieqsa jew jekk il-fondi għandhomx ikunu disponibbli għall-prenditur abbażi tal-informazzjoni miksuba mill-pagatur u vverifikata bħala parti mill-proċess ta' diliġenza dovuta tal-konsumatur, f'konformità mat-Taqsima 4.4.
94. Il-PSP tal-pagatur jenħtieġ li jingrana l-mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli biex jimpenja lilu nnifsu ma' kwalunkwe PSP tal-prenditur li ripetutament jonqos qabel ma jieħu azzjonijiet ulterjuri biex jirrestrinġi jew jirrifjuta l-pagamenti. Meta l-PSP jiddependu fuq informazzjoni miksuba qabel it-tranżazzjonijiet, il-politiki u l-proċeduri tagħhom jenħtieġ li jikkunsidraw il-

bidliet possibbli fl-informazzjoni matul iż-żmien, b'mod partikolari billi jinkludu l-isem u l-
indirizz.